

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Ir-responsabilità Tal-ġenituri - Il-kustodja Tat-tfal U D-drittijiet Ta' Kuntatt](#) > [Hungary](#)

Ir-responsabilità tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

 Ungerija

1 Xi tfisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?

Fil-prattika, ir-responsabbiltà tal-ġenituri (kustodja tal-ġenituri) tinvolvi d-deċiżjoni dwar l-isem tal-minuri, il-ħarsien u t-trobbija tal-minuri, id-deċiżjoni dwar ir-residenza tiegħu jew tagħha, l-amministrazzjoni tal-beni tiegħu jew tagħha, id-drittijiet u l-obbligi tar-rappreżentanza legali tiegħu jew tagħha, u d-dritt li jinħatar tutur jew li jiġi eskluż xi ħadd mit-tutela.

2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?

Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri jew kwalunkwe dispożizzjoni f'sens kuntrarju mill-awtorità tat-tutela jew mill-qorti, il-ġenituri għandhom kustodja konġunta sew jekk ikunu jgħixu flimkien kif ukoll jekk ma jkunux għandhom jgħixu flimkien.

3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinħatar persuna oħra minflokhom?

Fl-Ungerija, it-tutela hija arranġament legali li tiżgura l-ħarsien tal-minuri, ir-rappreżentanza tagħhom u l-amministrazzjoni tal-beni tagħhom permezz ta' tutur maħtur mill-awtorità tat-tutela fin-nuqqas ta' ġenitur li jkollu kustodja tal-ġenituri. Il-ħtieġa li jinħatar tutur tista' tiġi rrapportata lill-awtorità tat-tutela minn kwalunkwe persuna. Qarib viċin tal-minuri jew il-persuna li l-minuri jkun/tkun qed tgħix taħt il-ħarsien tagħha, huma obbligati jinnotifikaw lill-awtorità tat-tutela dwar il-ħtieġa li jinħatar tutur, bħalma hija l-qorti jew awtorità oħra.

4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?

Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri jew kwalunkwe dispożizzjoni f'sens kuntrarju mill-awtorità tat-tutela jew mill-qorti, il-ġenituri għandhom kustodja konġunta anki jekk ma jkunux għandhom jgħixu flimkien. Il-ġenituri separati jistgħu jiftiehem li jaqsmu d-drittijiet u l-obbligi tar-responsabbiltà tal-ġenituri, iżda huma jridu jiżguraw stil ta' ħajja bilanċjat għall-minuri tagħhom (l-alternanza tat-tqegħid tal-minuri ma tkunx possibbli, pereżempju, jekk il-ġenituri jgħixu 'l bogħod wisq minn xulxin u dan ipoġġi piż kbir wisq fuq il-minuri). Il-ftehim bejn il-ġenituri jiġi approvat mill-qorti. Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet u l-obbligi tal-kustodja tal-ġenituri, il-qorti tiddeċiedi dwar liema ġenitur ikollu l-kustodja. Fit-teħid ta' deċiżjoni, il-qorti

tivaluta fejn ikun żgurat l-aħjar l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri.

5 Jekk il-ġenituri jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati biex il-ftehim jorbot legalment?

Meta żwieġ jiġi xolt bid-dikjarazzjoni komuni tar-rieda u l-intenzjoni tal-konjuġi li jxolju ż-żwieġ ippreżentata lill-qorti bil-miktub, ir-rikors ikun jinkludi l-ftehim tal-ġenituri dwar il-kwistjoni tal-kustodja. Il-qorti tapprova l-ftehim b'deċiżjoni definittiva matul il-proċedimenti tad-divorzju, billi ż-żwieġ ma jistax jiġi xolt b'kunsens reċiproku mingħajr tali ftehim.

Jekk ikun meħtieġ, il-qorti trid tiegħu deċiżjoni rigward il-kustodja tal-ġenituri meta jiġi xolt żwieġ, anki jekk ma jsir l-ebda rikors għal dak il-għan. Fin-nuqqas ta' appell, is-sentenza tal-qorti tal-prim istanza ssir finali biss wara li jkun għadda l-ħmistax-il jum wara d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni ta' appell.

6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?

Il-konjuġi jistgħu jirrikorru għall-[medjazzjoni](#) qabel jibdew il-proċedimenti ta' divorzju jew matul il-proċedimenti, b'mod volontarju jew fuq inizjattiva tal-qorti, sabiex isolvu permezz ta' kunsens reċiproku kwalunkwe tilwima relatata mar-relazzjoni tagħhom jew ix-xoljiment taż-żwieġ, bħall-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Huma jistgħu jfasslu l-ftehim tagħhom mil-ħuq b'riżultat ta' medjazzjoni, sabiex jiġi inkluż fil-proċedimenti ta' soluzzjoni bil-qorti. Sabiex ikun żgurat li r-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi eżerċitata sewwa u bil-kooperazzjoni neċessarja tal-ġenituri, il-qorti u/jew l-awtorità tat-tutela matul il-proċedura proprja tagħha tista' (fuq talba jew fuq inizjattiva proprja fi kwistjonijiet riferuti għall-kompetenza tagħhom) tordna lill-ġenituri jipparteċipaw f'medjazzjoni biex tinstab kooperazzjoni xierqa bejn il-ġenitur li jkollu l-kustodja u l-ġenitur li jkun qiegħed jgħix separatament mill-minuri tagħhom u biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-ġenitur li jkun qiegħed jgħix separatament.

7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?

F'każijiet ta' tilwim, il-qorti tiddeċiedi liema ġenitur għandu jkollu l-kustodja tal-ġenituri billi tisma' liż-żewġ ġenituri u, f'każijiet ġustifikati, lill-minuri. Il-qorti tista' tiddeċiedi li tagħti kustodja sħiħa lil ġenitur wieħed jew li ġenitur wieħed jeżerċita ċerti drittijiet u obbligi ta' kustodja tal-ġenituri u l-ġenitur l-ieħor jeżerċita drittijiet u obbligi oħra bħal dawn. Il-qorti tista' tawtorizza lill-ġenitur li jkun jgħix separatament mill-minuri tiegħu, iwettaq ċerti kompiti relatati mal-ħarsien u t-trobbija tal-minuri, jew b'mod eċċezzjonali, li jamministra kompletament jew parzjalment l-assi tal-minuri u li jaġixxi bħala rappreżentant legali fi kwistjonijiet relatati mal-assi tal-minuri. Jekk ikun fi-interessi tal-minuri, il-qorti tista' tillimita jew tneħħi d-dritt li wieħed jiddeċiedi dwar kwistjoni fundamentali li taffettwa l-ġejjieni tal-minuri. Madankollu, il-qorti ma tistax tordna kustodja konġunta tal-ġenituri, billi din tista' tiġi istitwita biss permezz tal-ftehim tal-ġenituri, li jista' jiġi approvat mill-qorti.

8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?

Le. Jekk il-qorti tagħti l-kustodja lil ġenitur wieħed, il-ġenitur li jkun qiegħed jgħix separatament mill-minuri tiegħu jista' jkompli jeżerċita d-drittijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri fi kwistjonijiet fundamentali li jaffettwaw il-ġejjieni tal-minuri. L-għoti tal-isem u t-tibdil tal-isem ta' minuri, id-deċiżjoni dwar ir-residenza tal-minuri, jekk differenti mir-residenza tal-ġenitur, [id-deċiżjoni dwar ir-residenza tal-minuri f'pajjiż ieħor għall-iskop ta' soġġorn jew sistemazzjoni fit-tul](#), it-tibdil tan-nazzjonalità tal-minuri u l-għażla tal-iskola u l-karriera tal-minuri huma kkunsidrati bħala tali kwistjonijiet fundamentali.

9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi jfisser fil-prattika?

Il-qorti ma tistax tordna kustodja konġunta, sempliċement tapprova l-ftehim tal-ġenituri għal dak il-għan matul il-proċedimenti matrimonjali, b'kont meħud tal-interessi tal-minuri. Kundizzjoni għal approvazzjoni bħal din hija li l-ġenituri separati jridu jiżguraw stil ta' ħajja bilanċjat għall-minuri tagħhom waqt li jeżerċitaw kustodja konġunta. Jekk il-qorti tqis li dan ma jkunx fattibbli, hija tista' tiċċad l-approvazzjoni tal-ftehim. Madankollu, f'sitwazzjonijiet li jkunu jirrikjedu azzjoni immedjata, ġenitur wieħed jista' jiddeċiedi b'mod indipendenti u jrid jinnotifika lill-ġenitur l-ieħor mingħajr dewmien (pereżempju dwar intervent mediku urġenti).

10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet għandhom ikunu rispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Tista' tirrikorri jew quddiem l-awtorità tat-tutela jew quddiem qorti fi kwistjonijiet ta' kustodja tal-ġenituri, skont jekk intom, bħala ġenitur, ikollkomx tilwima dwar l-eżerċizzju ta' kustodja konġunta jew jekk il-kustodja tkunx trid tiġi deċiża mill-qorti.

Il-kawża trid tiġi ppreżentata fil-qorti fejn tkun tinstab ir-residenza tal-konvenut (jew, fin-nuqqas ta' dan, il-post tas-soġġorn tal-konvenut), jew fejn kienet l-aħħar residenza kondiviża tal-konjuġi.

Il-kawża trid tiġi ppreżentata permezz ta' rikors bil-miktub lill-qorti kompetenti. Jekk jogħġbok ara wkoll is-suġġett dwar [Kif tipproċedi?](#) fir-rigward tat-tressiq tal-proċedimenti u l-kontenut tar-rikors. Minbarra l-informazzjoni ġeneralment meħtieġa, iridu jiġu indikati wkoll dettalji dwar il-kuntratt taż-żwieġ u dwar it-twelid tat-tfal imwiela liż-żwieġ u li jkunu għadhom ħajjin u ċ-ċertifikati tat-twelid tat-tfal iridu jiġu mehmużin fi kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri.

11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?

Proċedimenti ġudizzjarji f'kawża sabiex jiġu deċiżi d-drittijiet ta' kustodja tal-ġenituri u t-tqegħid tal-minuri ma' persuna terza:

Jekk il-ġenituri separati ma jkunux laħqu ftehim, il-qorti tiddeċiedi, fuq talba jew fid-diskrezzjoni proprja tagħha, liema ġenitur ikollu l-kustodja. Fit-teħid ta' deċiżjoni, il-qorti tikkunsidra l-interessi tal-minuri u tivvaluta fejn ikun żgurat l-aħjar l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri.

Il-kawża legali biex jiġi deċiż min għandu jeżerċita r-responsabbiltà tal-ġenituri, il-kustodja jew bidliet fid-drittijiet ta' kustodja individwali, it-tqegħid tal-minuri ma' persuna terza jew it-tibdil ta' dak it-tqegħid, tista' titressaq minn ġenitur jew mill-awtorità tat-tutela. Il-kawża trid titressaq minn ġenitur kontra l-ieħor jew mill-awtorità tat-tutela kontra ż-żewġ ġenituri. Kawża sabiex jinbidel it-tqegħid tal-minuri ma' persuna terza trid tiġi ppreżentata kontra l-persuna li magħha jkun/tkun tqiegħed/tqiegħdet il-minuri.

Matul il-proċedimenti, il-qorti trid tisma' liż-żewġ ġenituri, u f'każijiet ġustifikati – jew jekk jintalab mill-minuri nnifsu jew innifisha – iridu jinstemgħu wkoll il-minuri. Jekk il-minuri jkollu/ikollha mill-anqas 14-il sena, il-qorti tista' tiddeċiedi biss dwar il-kustodja tal-ġenituri tal-minuri u t-tqegħid tal-minuri bil-kunsens tiegħu jew tagħha, sakemm l-għażla tal-minuri ma tipperikolax l-iżvilupp tiegħu jew tagħha.

Il-qorti tista' tobbliga lill-ġenituri jfittxu medjazzjoni sabiex ikun żgurat li r-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi eżerċitata kif għandu jkun u li l-ġenituri jikkooperaw kif meħtieġ sabiex jiżguraw dan.

Il-proċedura tal-awtorità tat-tutela f'tilwima relatata ma' kustodja konġunta:

Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar kwistjonijiet relatati mal-kustodja konġunta (sew jekk ikunu qed jgħixu flimkien jew separatament), kull ġenitur jista' jitlob lill-awtorità tat-tutela tiegħu deċiżjoni, ħlief dwar

kwistjonijiet li jirrigwardaw il-libertà tal-kuxjenza jew il-libertà tar-reliġjon.

Jekk ġenituri separati intitolati li jeżerċitaw flimkien il-kustodja tal-ġenituri jaqblu li jaqsmu bejniethom id-drittijiet u l-obbligi relatati, jew li d-drittijiet ta' kustodja jiġu eżerċitati minn wieħed/waħda minnhom fil-ġejjieni, l-awtorità tat-tutela, fuq talba tagħhom, tirreġistra dan il-ftehim fil-minuti. Il-minuti jridu jirreġistraw ukoll il-ftehim dwar liema ġenitur ikun se jrabbi l-minuri u l-fatt li jkunu se jeżerċitaw flimkien id-drittijiet ta' kustodja tal-ġenituri dwar kwistjonijiet fundamentali li jaffettwaw il-ġejjieni tal-minuri, sakemm il-qorti ma tkunx ipprovdiet mod ieħor.

Il-ġenituri jridu jiġu infurmati li jistgħu jibdlu l-ftehim tagħhom u li l-ftehim ma għandux l-istess forza bħal deċiżjoni tal-qorti meħuda fi proċedimenti matrimonjali jew fi proċedimenti mressqa għad-deċiżjoni dwar il-kustodja tal-ġenituri.

Fi proċedimenti matrimonjali, il-qorti tiddeċiedi proviżorjament fid-diskrezzjoni tagħha dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw it-tqegħid ta' minuri u l-post tas-soġġorn tal-minuri ma' xi wieħed mill-ġenituri jew ma' persuna terza, l-estensjoni jew il-limitazzjoni tad-drittijiet ta' kustodja tal-ġenituri jew il-kuntatti bejn il-ġenituri u l-minuri.

12 Nista' nikseb għajnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Jekk jogħġbok ara wkoll is-suġġett dwar [Kif tipproċedi?](#) rigward din il-kwistjoni.

Fi proċedimenti sabiex titneħħa jew terġa' tiġi stabbilita l-kustodja tal-ġenituri u dawk li jirrigwardaw it-tqegħid u t-trasferiment ta' minuri jew id-drittijiet ta' aċċess, il-partijiet huma mogħtija *d-dritt għad-differiment tal-pagamenti* irrispettivament mid-dħul u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Id-dritt għad-differiment tal-pagamenti jfisser li kwalunkwe tariffa jew spejjeż oħra mġarrba matul il-proċedimenti jiġu avvanzati mill-Istat minflok mill-partijiet, iżda l-ispejjeż avvanzati jridu jitħallsu lura mill-parti telliefa lill-Istat fit-tmiem tal-proċedimenti.

13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?

Iva, il-proċedimenti relatati mal-kustodja tal-ġenituri huma soġġetti għall-appell skont ir-regoli ġenerali. Appell jista' jiġi ppreżentat minn ġenitur jew mill-minuri. L-iskadenza għas-sottomissjoni ta' appell hija ħmistax-il jum wara d-data meta tkun ġiet innotifikata d-deċiżjoni.

14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?

Sabiex tiġi eżegwita deċiżjoni relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri, tinħareġ ordni ta' eżekuzzjoni mill-*qorti tal-prim istanza* jew, fil-każ ta' deċiżjoni barranija (soluzzjoni bil-qorti) iċċertifikata skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003), mill-*qorti distrettwali li topera fis-sede tal-qorti reġjonali tar-residenza abitwali tal-minuri jew tal-persuna soġġetta għad-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni* jew il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda (*Budai Központi Kerületi Bíróság*) f'Budapest.

Meta deċiżjoni tal-qorti (ftehim approvat mill-qorti) dwar it-trasferiment u t-tqegħid ta' minuri tiġi eżegwita, il-qorti titlob lill-persuna soġġetta għad-deċiżjoni biex tissodisfa l-obbligu tagħha b'mod volontarju, billi tistabilixxi skadenza xierqa, u jekk din tonqos milli tagħmel dan, il-qorti tordna t-trasferiment tal-minuri bl-assistenza tal-pulizija.

Il-minuri jrid/trid jiġi/tiġi trasferit(a) lill-persuna li tkun qed tfittex l-eżekuzzjoni jew, fin-nuqqas ta' dik il-persuna, lir-rappreżentant tiegħu jew tagħha approvat mill-awtorità tat-tutela, jew lill-awtorità tat-tutela. Meta l-minuri jiġi/tiġi trasferit(a), il-persuna taħt l-obbligu li tittrasferixxi l-minuri trid tinforma lill-persuna li tkun se tiegħu l-minuri dwar l-istat ta' saħħa tal-minuri jew kwalunkwe ċirkustanza oħra li nuqqas ta' għarfien dwarha jista' jipperikola l-ħajja jew l-integrità fiżika tal-minuri.

15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonossuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?

Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri hija rikonossuta mill-qorti fl-Ungerija mingħajr l-ebda proċedura speċjali. Is-sustanza tad-deċiżjoni ma tista' tiġi rieżaminata taħt l-ebda ċirkustanza.

Madankollu, kwalunkwe parti interessata tista' tagħmel rikors għal deċiżjoni għar-rikonossiment jew għan-nuqqas ta' rikonossiment ta' deċiżjoni fil-qorti kompetenti.

Infurzar:

Deċiżjoni dwar l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri meħuda fi Stat Membru, li tkun eżegwibbli fl-Istat Membru partikolari u li tkun ġiet innotifikata, tiġi eżegwita fl-Ungerija jekk tiġi ddikjarata bħala eżegwibbli fl-Ungerija fuq talba ta' kwalunkwe parti interessata.

Il-qorti jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat id-deċiżjoni, toħroġ ċertifikat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata.

Il-qorti distrettwali li topera fis-sede tal-qorti reġjonali tar-residenza abitwali tal-minuri jew tal-persuna soġġetta għall-obbligu eżegwibbli jew il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda f'Budapest, toħroġ ordni ta' eżekuzzjoni abbażi ta' deċiżjoni barranija (soluzzjoni bil-qorti) li jkollha tali ċertifikat.

Id-deċiżjoni tal-qorti barranija tkun eżegwibbli jekk, skont in-natura tagħha, id-deċiżjoni tikkonforma ma' dan li ġej: tkun is-sentenza ta' qorti li ssib ksur fil-proċedimenti ċivili; fi proċedimenti kriminali, tkun il-parti tas-sentenza tal-qorti li ssib ksur fit-talba ċivili relatata; jew tkun ftehim approvat mill-qorti.

Fuq il-bażi tal-ordni ta' eżekuzzjoni, il-proċedura ta' eżekuzzjoni sseħħ skont il-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar l-eżekuzzjoni.

16 F'liema qorti f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri biex nopponi r-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru tiġi rikonossuta mill-qorti fl-Ungerija mingħajr l-ebda proċedura speċjali. Is-sustanza tad-deċiżjoni ma tista' tiġi rieżaminata taħt l-ebda ċirkustanza.

Madankollu, kwalunkwe parti interessata tista' tagħmel rikors għal deċiżjoni għar-rikonossiment jew għan-nuqqas ta' rikonossiment ta' deċiżjoni fil-qorti kompetenti.

Kwalunkwe parti tista' tappella minn deċiżjoni meħuda dwar il-kwistjoni ta' rikors għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà.

L-appell irid jiġi aġġudikat skont ir-regoli li jirregolaw il-proċedimenti legali.

L-appelli kontra dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jridu jiġu ppreżentati fi żmien xahar min-notifika tad-dikjarazzjoni. Jekk il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni tkun abitwalment residenti fi Stat Membru ieħor (mhux fl-Ungerija), l-iskadenza għall-appell hija xahrejn mid-data tan-notifika jew personalment jew fir-residenza tiegħu jew tagħha. Ma tista' tingħata l-ebda estensjoni tal-iskadenza minħabba d-distanza.

17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-

responsabbiltà tal-ġenituri meta t-tfal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f'dan l-Istat Membru jew ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti?

L-Ungerija hija parti għall-Konvenzjoni ta' *The Hague tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, rikonossiment, infurzar u kooperazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri u miżuri għall-protezzjoni tat-tfal*, li tinkludi regoli dwar il-liġi applikabbli, u ċerti trattati bilaterali dwar l-assistenza reċiproka wkoll jinkludu tali regoli.

Skont il-liġi nazzjonali Ungeriża, il-liġi personali applikabbli għall-minuri tirregola r-relazzjonijiet bejn il-ġenitur u l-minuri skont il-liġi tal-familja, għalhekk b'mod partikolari l-għoti tal-isem, it-tqegħid, il-ħarsien u r-rappreżentanza legali tal-minuri u l-amministrazzjoni tal-assi tal-minuri, bl-eċċezzjoni tal-obbligi ta' manteniment. Rigward l-istatus familjari tal-minuri u r-relazzjoni tal-minuri mal-ġenituri tiegħu jew tagħha skont il-liġi tal-familja, trid tiġi applikata l-liġi Ungeriża għal minuri li jkun/ tkun ċittadin(a) Ungeriż(a) jew jgħix/tgħix fl-Ungerija (bl-eċċezzjoni tal-obbligi ta' manteniment), jekk dan ikun aktar vantaġġuż għall-minuri.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.